**31 ta' Ottubru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Joseph Mifsud

*versus*

Avukat Dottor Paul Mallia et noe

**Banda — Kumitat ta' — Assemblea ġenerali ta' — Bandist aspirant — Bandist proprjetarju — Deċiżjoni ta' — Vot segriet — Ġurisdizzjoni — Soċjetà — Regolamenti ta' — Forza ta'**

*Kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' statut tal-banda, u jekk skond dak l-istatut bandist aspirant għandux dritt isir bandist proprjetarju jew jekk din hix fid-diskrezzjoni tal-assemblea ġenerali tal-bandisti proprjetarji. Meta vot ta' assemblea jkun sigriet diffiċilment wieħed jista' jissindika l-motivi li ssuġġerixxu t-teħid ta' dak il-vot.*

*Ir-regolamenti ta banda dwar is-sejħa ta' laqgħat jorbtu l-membri tagħha u ma għandhomx forza purament ta' direttivi.*

Il-Qorti; rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur wara li ppre-

metta illi huwa kien iskriva ruħu bħala bandist alliev tal-filarmonika "Duke of Edinburgh" tal-*Birgu* taħt *l-istatut* viġenti li kien hu għadu jipprospetta l-possibilità li taħt ċerti kondizzjonijiet, l-istanti jsir bandist proprjetarju u b'hekk jakkwista vuċi fid-deliberazzjoni tal-Asemblea Ġenerali u l-jedd għall-vot għall-għażla tal-Kumitat u illi l-istanti adempixxa dawn il-1kondizzjonijiet li jintitolawh li jsir bandista proprjetarju iżda ma otteniex l-approvazzjoni tal-Assemblea Ġenerali għal dan l-iskop għar-raġunijiet għal kollox skonnessi mal-*arti mużikali* u *l-interess tal-banda, kif jiġi pruvat* waqt it-trattazzjoni tal-kawża u b'hekk ġie mċaħħad inġustament mid-dritt li jivvota għall-elezzjoni tal-Kumitat għas-sena korrenti, u illi fid-dsatax (19) ta' Jannar, 1963, l-attur talab l-ħruġ kontra l-intimati nomine, ta' Mandat ta' Inibizzjoni biex ma jlaqqgħux l-Assemblea Ġenerali għall-għażla tal-Kumitat il-ġdid però fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar, 1963, inattesa dina t-talba li kienet għadha qed tiġi konsidrata minn dina l-Qorti, inżammet l-imsemmija Assemblea Ġenerali li fiha ġie elett il-Kumitat il-ġdid għas-sena korrenti, u illi dina l-Assemblea Ġenerali, miżmuma kif ingħad, fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar, 1963, issejħet u nżammet kontra r-regolamenti u kwindi kontra l-liġi peress li ma ssejħitx u ma nżammetx skond l-istatut u f'kull każ saret in frode tad-drittijiet tal-instanti u in evidenti mala fede, talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa, u mogħtija l-provvedimenti opportuni — (1) jiġi dikjarat u deċiż li s-seduta Ġenerali li nżammet fil-Każin Duke of Edinburgh, *Vittoriosa, fit-tmienja u għoxrin* (28) ta' Jannar, 1963, saret kontra l-istatut u kontra l-liġi u hi kwindi llegali, u inattendibbli kif inhuma llegali u inattendibbli d-deliberazzjonijiet u deċiżjonijiet meħuda fl-istess seduta nkluża l-għażla tal-Kumitat għas-sena 1963; (2) jiġi dikjarat u deċiż li hu ġie nġustament imċaħħad milli jsir bandista propretarju tal-imsemmija Banda u kwindi mid-dritt tal-vot fis-seduta ġenerali tal-bandisti proprjetarji nkluża dik *għall-għażla tal-Kumitat il-ġdid u li kwindi* (3) *jiġi* dikjarat u deċiż li hu għandu dritt isir bandista proprjetarju bid-dritt

tal-vot fl-Assemblea Ġenerali. Bl-ispejjeż inkluża dawn tal-Mandat ta' Inibizzjoni tad-dsatax (19) ta' Jannar, 1963.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha huma qalu li t-talbiet attriċi huma mfondati fil-fatt u fid-dritt peress li (1) l-attur ma otteniex l-aprovazzjoni tal-Assemblea Ġenerali tas-Soċjetà fuq imsemmija, kondizzjoni essenzjali sabiex bandist alliev bħala attur isir bandist proprjetarju, (2) ir-raġunijiet li għalihom l-assemblea ġenerali ġa msemmija waslet għad-deċiżjoni tagħha huma nsindikabbli minn dina l-Qorti, li f'kull każ, huma raġunijiet validi, u (3) is-seduta Ġenerali li nżammet fil-Każin fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar, 1963, saret skond l-istatut u skond il-liġi u skond il-prattika li dejjem ġiet segwita għal-bosta snin mill-istess Soċjetà u d-deċiżjonijiet meħudin fl-istess seduta huma validi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda tal-kontendenti;

Rat u eżaminat ix-xhieda prodotti u d-dokumenti esibiti kif ukoll il-kopja tar-Regolamenti tas-Soċjetà li ġiet imħollija f'idejn ir-Reġistratur tagħha fil-ħamsa (5) ta' April, 1963;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża kif ukoll dawk tal-mandat imsemmi fiċ-ċitazzjoni;

Semgħet lid-difensuri;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li pprecedew il-kawża preżenti kienu fis-sens li l-attur, li kien ġie ammess bħala bandist alliev tas-Soċjetà konvenuta u kien sar ukoll bandist aspirant (ara dikjarazzjoni tal-kontendenti fil-verbal tas-seduta tat-tlettax (13) ta' Mejju, 1963), kien għamel iż-żmien meħtieġ biex jikkwalifika bħala

bandist proprjetarju, u, skond il-prattika segwita mis-Soċjetà, ismu flimkien ma' ta' ħaddieħor, kien tressaq quddiem il-Kumitat fis-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Lulju, 1962 biex dan a sua volta jissottomettihom lis-seduta ġenerali tal-bandisti proprjetarji (mhux tal-Asemblea Ġenerali) — kif jingħad fiċ-ċitazzjoni u fl-eċċezzjonijiet, iżda dikinhar, il-Kumitat għarraġunijiet riferibbli għall-aspirant l-ieħor iddeċieda li jħallihom it-tnejn għall-aħħar seduta ta' dik is-sena; reġgħu ġew quddiem il-Kumitat fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Jannar, 1963, u allura dan iddeċieda li japprovahom it-tnejn li jkunu bandisti proprjetarji salva l-approvazzjoni tal-bandisti proprjetarji fisseduta tagħhom; dawna l-bandisti proprjetarji żammu s-seduta tagħhom fis-sittax (16) ta' Jannar, 1963, u kienet f'dina s-seduta li wara votazzjoni sigrieta li segwit ċertu dibattitu, l-attur u l-aspirant l-ieħor ma ġewx ammessi bandisti proprjetarji. Għall-fini ta' kjarezza hawn jingħad li t-tieni u t-tielet domanda taċ-ċitazzjoni jirriferixxu għal dina d-deċiżjoni tas-sittax (16) ta' Jannar, 1963, u għall-kwalifiki ta' l-attur li jsir bandist proprjetarju li ma ġewx rikonoxxuti f'dika s-seduta. Bħala konsegwenza ta' din id-deċiżjoni l-attur u l-aspirant l-ieħor ma setgħux jieħdu sehem fil-laqgħa ġenerali l-oħra, i.e. bħala proprjetarji, li fiha kellu jiġi elett il-Kumitat tas-Soċjetà għas-sena korrenti u billi deherilhom li dik id-deċiżjoni kienet inġusta u kienu jafu li s-seduta ġenerali għall-elezzjoni tal-Kumitat kellha ssir fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar, 1963, huma talbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti nomine, biex ma tinżammx dik is-seduta ġenerali, ir-rikors relativ, fuq ordni tal-Qorti, ġie notifikat lill-konvenuti dikinhar stess (i.e. 19 ta' Jannar, 1963), b'jumejn żmien biex jirrispondu, huma ma rrispondewx però ntant, imħabba dina n-notifika għall-ewwel iddeċidew li ma jqassmux ċirkolarijiet li kienu saru fl-għoxrin (20 ta' Jannar, 1963, għal dika s-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' l-istess xahar, sakemm jieħdu parir, però wara li saru laqgħat bejn membri tal-Kumitat, li ma kienux kollha jaqblu, u fuq l-aħħar parir legali li ġie

mogħti ġie deċiż fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar li s-seduta tinżamm fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar, 1963, u allura dikinhar (i.e. fil-25 ta' dak ix-xahar), ġiet mibdula d-data ta' meta kellha tinżamm s-seduta fuq iċ-ċirkolarijiet min-għajr ma nbiddlet u l-oħra tal-għoxrin (20) ta' x-xahar meta kienu tlestew, u dawn ġew mogħtija lil caretaker biex iqassamhom bħas-soltu, ebda avviż ma twaħħal fin-Notice Board tal-Każin stess. Dawn iċ-ċirkolarijiet ġew firmati mis-Segretarju għalkemm ġie li kienu jiġu firmati mill-Kappillan li skond l-istatut jippresiedi fis-seduta li fiha jintgħażel il-Kumitat billi dan ma kienx sejjer jattendi għas-seduta fil-ġurnata tat-tlieta u għoxrin (23) ta' x-xahar u ma ġiex avżat bit-tibdil ta' dik id-data fl-oħra tat-tmienja u għoxrin (28). Intant il-Qorti fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar, kienet iffissat id-data l-ġurnata tad-disa' u għoxrin (29) ta' Jannar, għas-smiegħ tar-rikors,, preordinament għall-ħruġ o meno tal-mandat, u n-notifika ta' l-appuntament tar-rikors għal dana s-smiegħ ġie notifikat lill-konvenut fil-25 tax-xahar, u ċioè l-istess ġurnata meta ġie deċiż (evidentement wara li saret in-notifika meta wieħed jikkonsidera l-ħin meta din tista' ssir u l-ħin tal-laqgħat li kienu qegħdin isiru) li s-seduta tinżamm fit-tmienja u għoxrin (28) tax-xahar. Is-seduta saret fil-fatt f'dina l-aħħar data u għalhekk meta l-kontendenti deħru għas-smiegħ tar-rikors l-għada stess, l-attur ta' llum (billi l-aspirant l-ieħor irtira mit-talba li kien għamel) ma nsistix għall-ħruġ tal-mandat u r-riserva d-drittijiet tiegħu mħabba l-fatt kompjut li bih ġie rinfaċċjat. Il-kawża ta' llum ġiet preżentata fid-dsatax (19) ta' Frar, 1963. Jiġi hawn kjarit li l-meritu ta' l-ewwel domanda jirrigwarda dak li ġara f'dina s-seduta li nżammet fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar, 1963;

Ikkunsidrat:

Illi mir-reċitazzjoni ta' dawna l-atti jista' wieħed jiġi ndott jirritjeni, u fit-trattazzjoni orali ġie għall-bidu obbjettat għan-

nom tal-konvenut nomine, li dina l-ewwel domanda u ċioè rigwardanti s-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar, li fiha l-attur seta' biss jipparteċipa kemm-il darba kellu l-kwalifika ta' bandist proprjetarju, u din kienet ġiet lilu miċħuda fis-seduta tal-bandisti proprjetarji stess tas-sittax (16) ta' dak ix-xahar, tista' sseħħ biss kemm-il darba l-attur juri li dina ċ-ċaħda ma setgħetx issir, u hekk ċaħda tat-tieni talba (li tirriferixxi għal dina s-seduta tas-sittax (16) ta' Jannar), iġġib magħha ċaħda ta' l-ewwel talba ukoll. Dina l-obbjezzjoni però ġiet in segwitu modifikata billi ġie ritenut, kif kien xieraq, u għandu jiġi ritenut, li l-attur, anke bħala sempliċi bandist aspirant, għandu wkoll interessi fl-elezzjoni tal-Kumitat billi hu, f'dina l-kwalità, għandu drittijiet u obbligi u jiġi neċessarjament in kontatt ma' l-istess Kumitat, ir-regolamenti tal-Każin partikolarment in-numru 37, ma jħallux dubju fir-rigward, dan appuntu jiddisponi li: "L-allievi u l-aspiranti bandisti jkunu anke soġġetti għar-regolamenti dixxiplinari illi lilhom jistgħu jiġu magħmula mill-Kumitat". Bażata però l-ewwel domanda biss fuq dana l-interess, hu ovju li t-talba attriċi ma tistax tiġi ċievi forza mill-konsegwenza li toħroġ mill-akkoljiment tat-tieni talba u għalhekk biss jista' jkollha bħala bażi tagħha l-inosservanza ta' xi regolamenti dwar dina s-seduta ġenerali stess, kif l-attur ukoll qed jallega.

Illi għall-aħjar trattazzjoni tal-kawża, il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra t-tieni talba (u magħha t-tielet talba), u mbagħad l-ewwel talba.

Ikkunsidrat fuq it-tieni u t-tielet talba.

Illi dawn it-talbiet qegħdin jiġu kunsidrati flimkien għaliex fil-fatt huma ħaġa waħda u anzi t-tielet hija kompriża fit-tieni, infatti t-tielet talba hi diretta biex issir dikjarazzjoni li l-attur għandu dritt isir bandist proprietarju bid-dritt tal-vot fl-Assemblea Ġenerali, mentri li t-tieni talba hi diretta biex jiġ

dikjarat li l-attur "ġie nġustament imċaħħad milli jsir bandist proprjetarju u kwindi mid-dritt tal-vot..." hu ovvju li ma jistax ikun hemm dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' dritt jekk qabel ma jiġix ritenut li dana d-dritt verament jeżisti, ma jistax ikun hemm negazzjoni ta' dritt li ma jeżistix. U in vista ta' dina l-konsiderazzjoni t-tielet talba hija superfluwa, u hekk hu l-każ li tiġi eżaminata biss it-tieni talba fl-aspetti tagħha kollha tal-eżistenza u taċ-ċaħda tad-dritt ta' l-attur li jsir bandist proprjetarju tas-soċjetà konvenuta.

Illi kwantu għad-dritt potenzjali fl-attur li minn bandist aspirant isir bandist proprjetarju, dan ma jistax jiġi negat u l-anqas ma jidher li qed jiġi negat mill-konvenuti nomine: del resto l-istess regolamenti tas-soċjetà jikkontemplaw dina l-possibilità u, fil-konfront ta' l-attur, il-Kumitat fis-seduta tiegħu tat-tmienja (8) ta' Jannar, 1963 irrikonoxxa fih il-kwalifiki neċessarji skond ir-regolamenti però assoġġetta l-approvazzjoni proprja għal dik tal-bandist proprjetarju stess f'seduta, liema approvazzjoni ulterjuri ntqal li hi skond ir-regolamenti wkoll. Hija proprju dina s-seduta tal-bandisti proprjetarji jew aħjar id-deċiżjoni li ttieħdet fiha (u li wasslet biex l-attur ma jsirx bandist proprjetarju), li l-attur jeq jattakka bħala nġusta għax meħuda għal "raġunijiet għal kollox skonnessi mal-arti mużikali u l-interess tal-banda", mentri li l-konvenuti qegħdin jeċċepixxu, b'riferenza għal dina l-istess deċiżjoni, li hija nsindakabbli mill-Qorti u f'kull każ kienet bażata fuq raġunijiet validi u fid-dikjarazzjoni tal-fatti żiedu li hu nkonċepibbli kif jista' jiġi stabilit x'kienu r-raġunijiet li ddeterminaw dik id-deċiżjoni la darba l-votazzjoni kienet sigrieta.

Illi fuq dana l-aspett tal-kwistjoni l-Qorti tosserva li f'seduta kemm-il darba jiġri li wieħed jivvota b'mod differenti minn dak indikat mill-mod kif ikun tkellem matul id-dibattitu, għal raġunijiet personali tiegħu, u jkun hemm minn ma jitkellem xejn u kwindi r-raġunijiet a bażi tal-vot tiegħu ma

jkunux ġew pallezati, ġie wkoll jagħti l-każ li ma jinżammx dibattitu: meta ssir votazzjoni sigrieta mhux leċitu li wieħed jitkellem fuq rağunijiet tal-votazzjoni u jrid joqgħod fuq id-deċiżjoni finali rikavabbli mir-riżultat tal-votazzjoni stess; jekk wieħed ma jaqbilx mad-deċiżjoni l-uniku rimedju hu li, jekk ikun jista', ma jerġax itella' bil-vot tiegħu nies li taw dik id-deċiżjoni. Però hemm aspett ieħor tal-kwistjoni, u ċioè l-fakoltà tas-seduta in kwistjoni li ma tammettix lill-attur u lill-aspirant l-ieħor bħala bandisti proprjetarji meta kellhom ir-rekwiżiti neċessarji skond ir-regolamenti biex isiru tali, u l-istess regolamenti ma jippreskrivix dina l-approvazzjoni għas-seduta in kwistjoni dwar l-aspiranti (Regolament numru 23) kif jagħmlu għall-każi l-oħrajn (Regolament 7 (ċ)) u ċioè meta wieħed jiġi ammess bandist proprjetarju mingħajr ma qabel ikun alliev u in segwitu aspirant. Mix-xhieda jirriżulta li qatt ma ta' l-każ li aspirant sar propretarju mingħajr ma qabel tressaq u ġie approvat f'seduta bħal dik in kwistjoni, però rriżulta wkoll li qatt ma ta' l-każ li kien hemm boċċatura f'każi simili u proċedura simili dejjem tqieset bħala formalità, l-artikolu 33 huwa ċar meta jgħid: "Il-bandisti aspiranti jsiru veri bandisti u proprjetarji wara li jdumu jdoqqu fil-banda sentejn u jkunu għalqu tmintax-il sena" bla ebda riferenza għall-approvazzjoni tal-bandisti proprjetarji f'seduta, kif imposta fil-każ l-ieħor riferit; u in vista ta' dan il-kliem ċar tar-regolamenti għandu verament jitqies formalità l-fatt li tittieħed deċiżjoni f'seduta biex it-tibdil ta' bandist aspirant f'bandist proprjetarju jkun jirriżulta formalment, dina tidher li hija formola segwita fil-prattika biex jirriżulta dana l-fatt, fin-nuqqas ta' proċedura oħra fir-regolamenti stess; imma dan ma jfissirx li b'daqshekk ingħatat forza iżjed lil seduta simili milli jagħtuha r-regolamenti stess jew inħolqot xi kondizzjoni ġdida m'hiex kontemplata fir-Regolamenti. Il-konsegwenza ta' dan hi li d-deċiżjoni ta' disapprovazzjoni dwar l-attur ma setgħetx issir u għalhekk saret ħażin u biha ġie leż id-dritt tal-attur li jiġi rikonoxxjut bandist proprjetarju bid-drittijiet li dina l-kwalità

ġġib magħha, fosthom dik li jieħu sehem fl-elezzjoni tal-Kumitat, *dana r-rikonoxximent tiegħu* kellu jsir bla ebda diskussjoni la darba hu kellu r-rekwisiti li jeżiġi l-istatut kif ġa kien ra li kellu l-Kumitat.

Ikkunsidrat fuq l-ewwel talba.

Illi l-konsiderazzjonijiet preċedenti dwar it-tieni talba jsiru neċessarjament li kellu raġun meta hu ried li ma ssirx isseduta l-oħra għall-għażla tal-Kumitat, sakemm ikun hemm deċiżjoni dwar kellux dritt jew le li jieħu sehem hu wkoll f'dina l-għażla. Fl-istess ħin però, għandu jiġi rikonoxxjut l-interess tal-Kumitat bħala tali li jkun hemm Kumitat ta' Direzzjoni skond l-istatut b'mod li mhux kull dewmien fl-għażla ta' dana kien ikun ġustifikat in vista ta' l-interess singolari tal-attur, ċertament però id-differiment tas-seduta ġenerali sakemm 'prima facie' ikun hemm pronunċjament ġudizzjarju kien indikat la darba dan kien ifisser numru qasir ta' ġranet — ir-rikors kellu *jistenna proprju l-għada li nżammet is-seduta* u jidher li dina nżammet biex tipprevjeni kull deċiżjoni kuntrarja għall-istess seduta. Intant dina s-seduta ġiet issejħet mingħajr ma nagħta żmien regolamentari ta' ħamest ijiem (artikolu 41), u mingħajr ma twaħħal l-avviż relativ kif jesiġi dan l-istess artikolu, l-urġenza kontemplati għat-tqassir ta' dana l-perjodu trid tkun riferibbli għall-materja li sejra tiġi diskussa u mhux dik li għadha kif issemmiet; oltre dan kien hemm il-*kwistjoni ta' min jippresiedi* f'seduta simili (artikolu 84), li l-Qorti trid tattribwixxi għall-malintiż bejn is-Segretarju u l-Kappillan, u spiċċa biex ma ppresidiex dan fil-fatt allavolja s-seduta saret f'ġurnata differenti minn dik lilu qabel indikata meta ma setax jattendi, hemm ukoll l-irregolarità fid-data taċ-ċirkolarijiet billi juru data ta' emissjoni li ma taqbilx mar-realtà u tali però li tindika li ngħata l-perijodu regolamentari mentri dan ma ngħatax, kif intqal. Il-Qorti ma tridx tgħid li l-proċedura trid bil-fors u dejjem tiġi esegwita "ad unguem"

jekk sostanzjalment dak li jkun qed isir ikun qed isir sew, bla preġudizzju ta' ħadd, però l-anqas ma tasal biex tgħid li r-regolamenti ta' soċjetà jistgħu jiġu konsiderati bħala direttiva biss għal kif għandhom jimxu l-affarijiet, meta mbagħad ikun jidher mill-ewwel li hemm konflitt ta' interess jekk ir-regolamenti ma jiġux segwiti, għandu jsir skond l-istess regolamenti billi huma jiddeterminaw d-drittijiet tal-partijiet. L-irregolaritajiet ġa rilevati jirriferixxu għal ċirkostanzi importanti ta' seduta ġenerali bili r-regolamenti li ma ġewx osservati ji-rigwardaw iż-żmien li wieħed għandu jkollu biex jirranga ħalli jista' jattendi s-seduta, il-mod li jingħata l-avviż għal dan l-oġġett, u l-preżenza ta' persuna bħala president "ad hoc", għal seduta simili ntiża evidentement biex tispira iżjed f[illegible]-ja f'dak li jkun qiegħed isir. L-inosservanza relativa hija ag-gravata miċ-ċirkostanzi ġa rilevati rigwardanti l-passi li [illegible] kien qed jieħu dwar l-istess seduta (liema wieħed [illegible] bir-raġun stante dak li ntqal dwar it-tieni talba), u [illegible] kienu a konoxxenza ta' min kien qed imexxi l-affarijiet li għalhekk iżjed missu qagħad attent li r-regolamenti jkunu rigwardati u segwiti kif imiss. Mhux xieraq għalhekk li s-seduta in kwistjoni titqies bħala validament miżmuma [illegible]-konsegwenza li anke dak li sar u ġie deċiż fiha jkun huwa stess invalidu.

Għal dawn il-motivi:

Il-Qorti tiddeċiedi adesivament għall-ewwel żewġ talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine, u tiddikjara t-tielet domanda superfluwa u kwindi ma hemmx lok għad-deċiżjoni fuqha għax il-meritu relativ hu ġa deċiż, ma' dak tat-tieni talba, bl-ispejjeż relativi għall-attur.